Laqgħa tal-'Core Group' tal-MEUSAC
Il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2010 – Il-Belt

# *Il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għat-18 il-xahar li jmiss*


**Joseph Fenech**
**Direttur**
**Direttorat għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea**
**Uffiċċju tal-Prim Ministru**

## Programm ta' 18-il xahar tal-Presidenza tal-Kunsill

- L-ewwel abbozz ippubblikat fid-dokument 16771/09 datat 27 ta' Novembru 2009
- Il-verżjoni finali ħarġet fid-dokument 17696/09 datat 22 ta' Diċembru 2009
- Jistabbilixxi l-programm konġunt tal-Presidenzi ta' Spanja, tal-Belġju u tal-Ungerija
- Ikopri l-perijodu minn Jannar 2010 sa Ġunju 2011

# Programm ta' 18-il xahar tal-Presidenza tal-Kunsill

- Ippreżentat f'żewġ partijiet
- 1 parti – il-qafas strateġiku (fil-perspettiva ta' objettivi aktar fit-tul li jibqgħu għaddejjin fit-tliet Presidenzi sussegwenti)
- 2 parti – il-programm operattiv (tistipula l-kwistjonijiet li huma mistennija jkunu koperti matul il-perijodu ta' 18-il xahar
- It-tliet Presidenzi ser jeżerċitaw il-funzjonijiet rispettivi tagħhom abbażi tat-Trattat ta' Lisbona (li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009)

# Qafas strateġiku

- Numru ta' sfidi bla preċedent li jridu jiġu ttrattati b'mod kollettiv u b'determinazzjoni

- Biex l-Unjoni tersaq eqreb lejn iċ-ċittadini, iridu jiġu promossi politiki mmirati li minnhom jibbenefikaw direttament iċ-ċittadini

# Qafas strateġiku

- Ir-reviżjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona hija prijorita` ewlenija, fejn wieħed mill-objettivi prinċipali ta' din l-Istrateġija għandu jkun li jiġu ttrattati l-effetti ekonomiċi u soċjali negattivi tal-kriżi finanzjarja
- Ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni għandu jkompli jkollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward
- Għandu jsir ukoll użu sħiħ minn Suq Uniku b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb

# Qafas strateġiku

- Il-Presidenzi jilqgħu b'mod partikolari l-"Istrateġija 2020 tal-UE" mħabbra mill-Kummissjoni
- It-tliet Presidenzi ser ikomplu t-titjib fis-sistema ekonomika u finanzjarja, bl-akbar enfasi tkun fuq il-punti ta' dgħufija li nkixfu bil-kriżi finanzjarja
- L-UE għandu jkollha rwol prinċipali fix-xena globali, b'mod partikolari fil-G20 u l-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji

# Qafas strateġiku

- Il-Presidenzi ser jagħtu ħarsa mill-ġdid lejn l-aġenda soċjali mġedda
- Azzjoni soċjali futura għandu jkollha mandat wiesa', inklużi l-impenji meħuda fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ u l-Istrateġija għaż-Żgħażagħ, il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Patt Ewropew għall-Familja
- Tingħata attenzjoni wkoll għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa għall-2008-2013

# Qafas strateġiku

- 2010 – Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali
- 2011 – Sena Ewropea għall-Attivitajiet Volontarji
- Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni
- Il-promozzjoni tal-mudell soċjali Ewropew fil-qafas tar-relazzjonijiet esterni multilaterali u bilaterali
- L-implimentazzjoni tal-Aġenda għal Xogħol Deċenti promossa mill-ILO

# Qafas strateġiku

- L-implimentazzjoni u r-reviżjoni possibbli tal-pakkett dwar l-enerġija u l-klima huma prijoritajiet prinċipali għat-tliet Presidenzi
- Rwol ta' tmexxija f'negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima
- Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Enerġija 2010-2014 ser jiġi elaborat bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu fil-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2010

# Qafas strateġiku

- Evalwazzjoni tal-politika komuni dwar it-trasport - mezzi ta' trasport li jirrispettaw l-ambjent, titjib tal-intermodalita` u reviżjoni tan-Netwerks tat-Trasport Transewropej
- Il-waqfien tat-telf tal-bijodiversita`- prijorita` li ser twassal għall-elaborazzjoni ta' Strateġija Ewropea dwar il-Bijodiversita` komprensiva għall-perijodu lil hinn mill-2010
- L-iżvilupp ta' użu sostenibbli ta' riżorsi naturali, b'mod partikolari tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma

# Qafas strateġiku

- Il-politika ta' koeżjoni tibqa' strument ta' solidarjeta` tal-UE sabiex tiġi megħjuna l-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni, jittaffew id-diffikultajiet strutturali u tissaħħaħ il-kompetittivita`
- It-tnedija u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju
- It-tliet Presidenzi huma favur l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' strateġija ġdida għar-Reġuni l-Aktar Imbiegħda

# Qafas strateġiku

- Diskussjonijiet dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2013 – rinforz taż-żewġ pilastri tal-PAK u l-promozzjoni tas-sigurta` tal-provvista, is-sikurezza, is-sostenibbilta` u l-innovazzjoni tal-ikel
- Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd – trid tiġi żgurata l-vijabbilta` ekonomika, soċjali u ambjentali ta' din il-politika

# Qafas strateġiku

- Implimentazzjoni effettiva tal-programm pluriennali l-ġdid għall-iżvilupp tal-ispazju ta' Liberta`, Sigurta` u Ġustizzja (il-Programm ta' Stokkolma)
- L-iżvilupp ta' politika Ewropea dwar l-Asil u l-Immigrazzjoni
- It-titjib tas-sigurta` fl-Unjoni u l-protezzjoni tal-ħajja u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej jibqgħu l-ogħla prijorita`

# Qafas strateġiku

- Tkomplija tal-proċess ta' tkabbir
- Tisħiħ tal-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent
- Implimentazzjoni sħiħa tal-Politika Ewropea tal-Viċinat
- Titjib fl-effettivita`, il-koerenza u l-viżibbilta` tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż it-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

# Qafas strateġiku

- Il-politika Kummerċjali Komuni tibqa' aspett importanti tal-azzjoni multilaterali tal-UE
- Prijorita` oħra tibqa' l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali
- L-UE u l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju
- Jitkompla l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE
- Appoġġ għall-iżvilupp ta' protezzjoni konsulari għaċ-ċittadini Ewropej kollha

# Programm Operattiv – Affarijiet Ġenerali

- Tkompli l-ħidma marbuta mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona
- Issir ir-reviżjoni tal-Istrateġija ta’ Lisbona
- Jissoktaw l-isforzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u dawk għat-tisħiħ tas-sigurta` tal-enerġija
- Ir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju/il-perspettiva finanzjarja li jmiss
- Politika ta’ Koeżjoni, koeżjoni territorjali u żvilupp urban

## Programm Operattiv – Affarijiet Ġenerali

- Preżentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010
- Kunsiderazzjoni dwar strateġija ġdida tal-UE għar-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda
- Ħidma għall-ħolqien ta' politika marittima integrata tal-UE
- Ħidma marbuta mat-tkabbir tal-UE – każijiet tal-Kroazja/ Turkija/ Albanija/ Islanda/ Montenegro

## Programm Operattiv – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

- Koordinazzjoni tal-politika ekonomika
- Ħidma rigward swieq u servizzi finanzjarji
- L-aspetti internazzjonali dwar kwistjonijiet finanzjarji
- L-oqsma tat-tassazzjoni indiretta u dik diretta
- It-tiġdid tal-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010
- Ir-reviżjoni tal-Baġit tal-UE
- Promozzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Ewropea dwar l-Istatistika

## Programm Operattiv – Kompetittività`

- Ħidma fuq ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku
- Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi
- Prijorita` lir-Regolamentazzjoni Aħjar
- Titjib fil-programm ta' simplifikazzjoni
- Attenzjoni speċjali lejn id-dimensjoni esterna tal-kompetittivita`
- Sorveljanza u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tas-"Small Business Act" u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu

## Programm Operattiv – Kompetittivita`

- Prijorita` lill-oqsma tal-innovazzjoni u l-proprjeta` intellettwali
- L-importanza tar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni fit-tiġdid tal-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010
- Negozjati u ħidma dwar diversi aspetti marbuta mad-dwana
- Azzjoni kkordinata dwar linji politiċi u miżuri tal-UE fir-rigward tas-settur tat-turiżmu u tal-attivitajiet tat-turiżmu

# Programm Operattiv – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Fir-rigward tad-dimensjoni soċjali tal-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010, l-enfasi ser tkun fuq l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali, b'rigward dovut għall-ugwaljanza bejn is-sessi
- Azzjoni bbażata fuq l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi – aktar xogħol, xogħolijiet aħjar u prinċipji ta' governanza effiċjenti
- Jiġi żgurat li l-Aġenda Soċjali tkun parti integrata kompletament fl-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010
- Ħidma favur l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali

## Programm Operattiv – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

- Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-non-diskriminazzjoni
- Azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika
- Azzjoni fejn tirrigwarda l-protezzjoni tal-konsumatur
- Ħidma fuq leġislazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel

## Programm Operattiv – Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija

- Il-kunċetti ewlenin li jispiraw l-azzjoni fil-qasam tat-trasport – is-sostenibbilta`, l-innovazzjoni, is-sikurezza u s-sigurta`
- Programm ta' ħidma fil-qasam tat-trasport fuq l-art, fil-qasam tal-avjazzjoni u f'dak tat-trasport marittimu
- Diversi inizjattivi fis-settur tat-telekomunikazzjoni
- Approvazzjoni tal-Istrateġija Ġdida għall-2010-2015 għall-promozzjoni tas-Soċjeta` tal-Informazzjoni (i2010)

## Programm Operattiv – Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija

- L-iżgurar ta' reviżjoni bir-reqqa tal-Pjan ta' Azzjoni "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa"
- L-isfidi tal-enerġija u tal-klima, b'kont meħud tar-riżultati tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima
- Implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija

# Programm Operattiv – Ambjent

- Prijorita` ġenerali: linji politiċi aktar ekoloġiċi
- Implimentazzjoni tal-Pakkett dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima
- Titjib sinifikanti fl-istatus tal-Bijodiversita` fl-UE
- Ħidma rigward l-ambjent u s-saħħa

# Programm Operattiv – Ambjent

- Inizjattivi dwar konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll użu sostenibbli tar-riżorsi naturali
- Żvilupp ta' approċċ integrat għal politika sostenibbli fir-rigward tal-ilma
- Strumenti aħjar għall-politika ambjentali

## Programm Operattiv – Politika dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ, l-Isport, il-Kultura u dik Awdjoviżiva

- Qafas Strateġiku tal-2020 għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ
- Attenzjoni lejn id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ
- Implimentazzjoni tal-aġenda għall-iskejjel fis-seklu 21
- Tiġdid tal-politika Ewropea dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

## Programm Operattiv – Politika dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ, l-Isport, il-Kultura u dik Awdjoviżiva

- Modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja
- Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm ta' tagħlim tul il-ħajja
- Inizjattivi li jolqtu liż-żgħażagħ
- Tkomplija tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għall-kultura għall-2008-2010
- Numru ta' inizjattivi marbuta mal-politika awdjoviżiva
- Il-promozzjoni tal-isport

# Programm Operattiv – Agrikoltura u Sajd

- Ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni lil hinn mill-2013
- Is-suq tal-prodotti tal-ħalib
- Ħidma rigward il-kwalita` ta' prodotti agrikoli
- Inizjattivi sabiex titjieb il-kompetittivita` tal-Industrija Ewropea Agro-alimentari
- Ħidma dwar l-iżvilupp rurali u l-forestrija

# Programm Operattiv – Agrikoltura u Sajd

- Monitoraġġ tan-negozjati WTO/DDA
- Segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Istrateġija tas-Saħħa tal-Annimali 2007-2013
- Reviżjoni tal-qafas dwar is-saħħa tal-pjanti
- Diskussjonijiet dwar l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi tat-tqegħid fis-suq ta' Organiżmi Ġenetikament Modifikati

# Programm Operattiv – Agrikoltura u Sajd

- Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd
- Riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura
- Reviżjoni tal-istrateġija tal-akwakultura
- L-iffissar tal-Qabdiet Totali Permissibbli u kwoti 2011

# Programm Operattiv – Ġustizzja u Affarijiet Interni

- Inizjattivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil, kif ukoll aspetti relatati tal-Programm ta' Stokkolma
- Ħidma relatata mal-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, mal-immigrazzjoni illegali u mal-politika dwar il-viżi
- Impenn dwar strateġija sostenibbli multi-dimensjonali tal-UE rigward is-sigurta` interna
- Sforzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kontra t-traffikar tal-bnedmin u kontra d-drogi

# Programm Operattiv – Ġustizzja u Affarijiet Interni

- Kooperazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalita` u l-ġlieda kontra kriminalita` serja u organizzata
- Tkomplija tal-ħidma għat-titjib tal-kapaċitajiet tar-rispons tal-UE fil-kuntest ta' diżastri u kriżijiet, kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE
- Inizjattivi fir-rigward ta' kooperazzjoni prattika f'materji ġudizzjarji, kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, kif ukoll kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ta' liġi ċivili

# Programm Operattiv – Relazzjonijiet Esterni

- Il-ħolqien tal-post ġdid ta' Rappreżentant Għoli u t-twaqqif ta' Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huma ntiżi biex itejbu l-azzjoni esterna tal-UE
- Inizjattivi rigward maniġġar ta' kriżijiet, in-non-proliferazzjoni u d-diżarm, kif ukoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu
- Ħidma ta' kooperazzjoni multilaterali
- Kooperazzjoni Konsulari Ewropea u l-Protezzjoni taċ-Ċittadin Ewropew

# Programm Operattiv – Relazzjonijiet Esterni

- Tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt
- Iktar impenn fil-politika kummerċjali tal-UE
- Jinżammu l-impenji fejn tidħol il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
- Tikber il-kooperazzjoni mal-pajjiżi fl-Ewropa tal-Punent li mhumiex membri fl-UE

# Programm Operattiv – Relazzjonijiet Esterni

- Ħidma akbar fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, mar-Russja, mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u anke fil-Lvant Nofsani
- Tissaħħaħ il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kemm fid-dimensjoni tal-Lvant, kif ukoll f'dik tan-Nofsinhar

# Programm Operattiv – Relazzjonijiet Esterni

- Prijorita` lir-relazzjonijiet transatlantiċi
- L-UE tkompli tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija konġunta UE-Afrika u l-Pjan ta' Azzjoni relattiv
- Attenzjoni partikolari mill-UE għall-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba tagħha Asjatiċi
- Jiġu żviluppati aktar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Karibew

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

- B'mod ġenerali, il-Gvern jieħu nota tal-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss
- Numru ta' inizjattivi elenkati f'dan il-Programm għandhom sinifikat partikolari għal Malta u l-Gvern iħares 'il quddiem lejn is-sehem attiv tiegħu fid-diskussjonijiet fuq it-temi differenti msemmija
- Minħabba l-firxa wiesa' tas-suġġetti ttrattati f'dan id-dokument li qed nikkonsidraw, hawnhekk mhuwiex possibbli li ninkludu pożizzjoni dettaljata dwar kull aspett imsemmi fil-programm tal-Presidenzi; għalhekk ser jissemmew biss numru limitat ta' punti li pero' jkopru setturi differenti

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Politika ta' koeżjoni:

- Il-Gvern jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenzi li jkomplu bil-ħidma dwar il-futur ta' din il-politika b'enfasi partikolari fuq l-istruttura tagħha u s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tagħha
- Il-Gvern jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni u l-ħidma tas-'Simplification Task Force' u jaqbel li x-xogħol li sar fl-2009 f'dan il-qasam għandu jitkompla anke fid-dawl tad-diskussjonijiet dwar kif għandu jkun il-qafas regolatorju wara l-2013

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Servizzi finanzjarji:

- Il-Gvern jaqbel mal-programm tal-Presidenzi fejn għandu x'jaqsam mat-titjib fir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji
- Għandu jsir sforz biex jitlesta x-xogħol fuq il-proposti leġislattivi li permezz tagħhom jitwaqqfu l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u l-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza
- Prijorita` tingħata wkoll lit-titjib fil-koordinazzjoni makro-ekonomika internazzjonali bbażata fuq kooperazzjoni mill-qrib mal-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bord dwar l-Istabbilita` Finanzjarja u l-awtoritajiet ta' sorveljanza, biex tiġi evitata ripetizzjoni tal-kriżi

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Regolamentazzjoni Aħjar:

- Il-Gvern jilqa' l-inklużjoni tar-Regolamentazzjoni Aħjar fil-Programm tal-Presidenzi, kif ukoll l-enfasi fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-ħidma tal-Bord għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt
- Pero` tajjeb wieħed jikkummenta illi fit-test mhuwiex ċar jekk il-Presidenzi humiex ser jużaw il-valutazzjonijiet tal-impatt magħmula mill-Kummissjoni, jew humiex ser jagħmlu tagħhom

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Regolamentazzjoni Aħjar:

- Il-Gvern jistenna li valutazzjonijiet tal-impatt futuri magħmula mill-Kummissjoni jiffokaw fuq it-titjib tal-analiżi kwantitattiva, ikunu bbażati fuq konsultazzjoni aktar trasparenti ma' dawk interessati, jagħtu aktar każ ta' l-impatti fuq l-SMEs u jkejlu l-ispejjeż amministrattivi tal-għażliet ta' politika
- Il-prinċipji tas-sussidjarjeta` u tal-proporzjonalita` għandhom dejjem ikunu kkunsidrati

Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

## Riċerka u Żvilupp u Innovazzjoni:

- It-tfassil ta' objettivi politiċi komuni għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jakkomoda l-bżonnijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' Stati Membri differenti
- Miżuri speċifiċi biex tiżdied l-innovazzjoni f'ekonomiji żgħar jew dawk li qegħdin fi transizzjoni, għandhom ikunu kkunsidrati

## Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Trasport:

- Għar-rigward tal-kunċett tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni, għandu jsir studju li jirrifletti pożizzjoni fuq kull mod u settur
- Għandu jkun hemm żvilupp sostenibbli tal-infrastruttura tat-trasport permezz tan-Netwerk tat-Trasport Transewropea li ssaħħaħ l-irwol tal-portijiet u ttejjeb u tiżviluppa aktar il-konnessjonijiet bejn il-portijiet u n-netwerks tat-trasport fuq l-art

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

Telekomunikazzjoni:

- Fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' l-internet, tajjeb jingħad illi għal Malta, bħala Stat Membru żgħir li huwa wkoll gżira, il-provvista ta' konnettivita` internazzjonali tal-internet tirrappreżenta impediment minħabba l-ispiża tal-konnessjoni meta mqabbla mad-daqs tas-suq
- Għalhekk huwa importanti li l-UE ma tqisx lil kulħadd bl-istess kejl meta tfassal il-politika tagħha

Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

## Edukazzjoni u Taħriġ:

- Il-Gvern jaqbel mad-direzzjoni li qed tingħata fil-programm tal-Presidenzi f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u t-taħriġ
- Huwa tajjeb li ser jibqgħu jkunu rispettati d-differenzi fis-sistemi edukattivi bejn, u l-prijoritajiet ta', l-Istati Membri individwali

# Pożizzjoni tal-Gvern dwar il-Programm tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-18 il-xahar li jmiss

- Fl-aħħarnett, il-Gvern iħeġġeġ diskussjoni bikrija fuq id-diversi proposti differenti bejn l-Istati Membri filwaqt li jappella sabiex meta jkunu qed jiġu diskussi miżuri li jridu jittieħdu direttament mill-Istati Membri, is-sitwazzjonijiet speċifiċi u partikolari ta' kull Stat Membru individwali għandhom ikunu kkunsidrati